**19 ta' Frar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

*Gregory sive* Godwin Scicluna

## Kwerela - Proċedura *ex officio* - Stupru - Korruzzjoni ta' minorenni - Offiża għall-pudur jew għall-morali magħmula fil-pubbliku

*Skond ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna, meta l-istess fatt li jagħti lok għall-istupru, l-attentat vjolenti għall-pudur jew il-korruzzjoni ta' minorenni isir f'post pubbliku jew espost għall-pubbliku, b'mod għalhekk li jkun jikkonfigura ukoll ir-reat taħt l-artikolu 209, l-azzjoni għal dawk ir-reati ma tirrikjedix il-kwerela tal-parti privata u l-parti privata konsegwentement anqas ma*

*tista' bir-reċess tagħha twaqqa' dik l-azzjoni. U r-raġuni hi għax dawk ir-reati jkunu saru "flimkien ma' reat ieħor li jolqot l-ordni pubbliku" fit-termini tal-proviso ta' l-artikolu 544.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Gregory *sive* Godwin Scicluna talli f'dawn il-Gżejjer, qabel *it-3 ta'* Lulju, *1994 (1) b'għemil żieni kkorrompa lil* Antonella Gatt ta' tlettax-il sena, (2) ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fil-konfront ta' Antonella Gatt ta' tlettax-il sena u (3) offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'lok pubbliku jew lok espsot għall-pubbliku; il-prosekuzzjoni talbet ukoll il-konfiska tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni T-*8697*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-26 ta' Frar, 1996 li biha dik il-Qorti ddikjarat proċediment eżawrit, stante rinunzja tal-kwerela tal-parti privata, għar-rigward ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet b'mod li effettivament illiberat *lill-imsemmi Gregory sive Godwin Scicluna minn dawn l-*imputazzjonijiet, iżda sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu għall-piena ta' tliet xhur priġunerija u multa ta' tliet mitt lira (Lm300), dik il-Qorti ċaħdet it-talba għall-konfiska tal-vettura T-8697;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali, minnu ppreżentata fl-4 ta' Marzu, 1996 li bih talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-Avukat Ġenerali qed jappella minħabba li, skond hu, is-

sentenza appellata fiha *enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta* ta' l-ipotesi tal-liġi li wasslet għal deċiżjoni żbaljata dwar l-estinzjoni ta' l-azzjoni għar-rigward ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti rriteniet li stante r-rinunzja tal-kwerlea mill-parti leża, l-azzjoni ġiet estinta għal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' minorenni u ta' attentat vjolenti għall-pudur u dan peress li, *skond dik il-Qorti*, il-każ ma kienx jaqa' f'dak previst fl-artikolu 203 (3) tieni proviso (a) u fil-proviso ta' l-artikolu 544 tal-Kodiċi Kriminali. Pero` fl-istess sentenza dik il-Qorti għaddiet biex issib ħtija taħt l-artikolu 209. Fi kliem ieħor, dik il-Qorti *kienet qed tirrikonoxxi li l-atti in kwistjoni saru f'post pubbliku* jew espost għall-pubbliku. Skond ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna, meta l-istess fatt li jagħti lok għall-istupru, l-attentat vjolenti għall-pudur jew il-korruzzjoni tal-minorenni isir f'post pubbliku jew espost għall-pubbliku, b'mod għalhekk li jkun jikkonfigura ukoll ir-reat taħt l-artikolu 209, l-azzjoni għal dawk ir-reati ma tirrikjedix il-kwerela tal-parti privata u l-parti privata konsegwentement anqas ma tista', bir reċess tagħha twaqqa' dik l-azzjoni. U r-raġuni hi għax dawk ir-reati jkunu saru "flimkien ma' reat ieħor li jolqot l-ordni pubbliku" fit-termini tal-proviso ta' l-artikolu 544. A skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza għas-sentenza ta' *din il-Qorti, diversament* komposta, tat-12 ta' April, 1991 fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta** ***vs*** **Spiridione Tanti** ***sive*** **Tanti Costa** kif ukoll għas-sentenza dejjem ta' din il-Qorti, aktar reċenti fl-ismijiet **Il-Pulizija** ***vs*** **George Zarb** deċiża fis-17 ta' Frar, 1997. L-appell ta' l-Avukat Ġenerali, għalhekk, ma jistax ħlief jintlaqa'. Pero`, biex l-appellat ma jiġix ipprivat mill-benefiċċju tad-doppju eżami, din *il-Qorti mhix ser* tgħaddi biex tiddeċidi hi dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet, iżda ser tirrimetti l-każ lill-Ewwel Qorti;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u konsegwentement tirriforma s-sentenza

*appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet* lill-appellat hati li offenda l-pudur jew il-morali f'lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku u kkundannatu ghall-piena ta' tliet xhur prigunerija u multa ta' tliet mitt lira (Lm300), kif ukoll tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ćahdet it-talba ghall-konfiska tal-vettura T-8697, thassarha u tirrevokaha fil-bqija u ćjoe' f'dik il-parti fejn iddikjarat proćediment eżawrit minhabba rinunzja tal-kwerela ghar-rigward ta' l-imputazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' minorenni u attentat vjolenti ghall-pudur u tordna li l-atti jintbaghtu lura *lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex din* tiddećidi skond il-liġi fuq dawn iż-żewġ imputazzjonijiet;

Il-Qorti ghal kull buon fini tiġbed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet konċernati *ghall-fatt li skond il-verbal* ta' *l*-udjenza tas-26 ta' Frar, 1996 quddiem l-Ewwel Qorti (a) l-appellat kien talab u ottjena minn dik il-Qorti is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza biex ikun jista' jappella u (b) talab ukoll żmien ghall-hlas. *Dwar is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza* stante li ma jirriżultax li eventwalment appella, mhux ċar mill-atti jekk fil-fatt hu skontax il-piena ta' tliet xhur priġunerija imposta mill-Ewwel Qorti. Dwar it-talba ghal żmien ghall-hlas, dik il-Qorti tatu sitt xhur żmien. Dawn is-sitt xhur ghandhom jibdew jiddekorru minn meta s-sentenza dwar l-imputazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' minorenni u attentat vjolenti ghall-pudur tghaddi in ġudikat.

---